MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Talba Numru. 380/2010

**Merlin Computers Lmited (C-11321)**
**vs**
**Carmel Gauci (K.I. 479172M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, hames mija u sebghin ewro u sitta u hamsin ewro centezmi (€1570.56) rapprezentanti il-prezz dovut ghall-prodotti u servizzi forniti mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tat-23 ta' Settembru, 2009, tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru, 2009 u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Cynthia van der Weerden fit- 8 ta' April, 2010 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------